L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 29 ta' Awwissu 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**Il-Lingwa u l-Lingwistika**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA

**Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Id-dipendenza fuq it-teknoloġija, jew l-imġiba ossessiva fejn jidħol tagħmir elettroniku u pjattaformi diġitali, tolqot nies ta' kull età. L-effetti tagħha jvarjaw skont il-persuna imma dejjem iħallu impatt negattiv fuq il-ħajja tagħha u ta' dawk ta' madwarha. X'jistgħu jkunu dawn l-effetti? Kif nistgħu nilqgħulu dan il-fenomenu inkwetanti fis-soċjetà ta' żmienna? Iddiskuti.

**JEW**

2. Fl-2023 madwar 3,500 immigrant tilfu ħajjithom fil-Mediterran huma u jaqsmu lejn l-Ewropa. Għaqdiet li jaħdmu għad-drittijiet tal-bniedem jakkużaw lill-Unjoni Ewropea b'indifferenza u bi ftehim sigriet ma' pajjiżi viċin biex l-immigranti jinżammu 'l bogħod, bi tkażbir tad-dinjità tagħhom. Għad xi darba nsibu tarf ta' din il-kobba mħabbla? Jeżistu soluzzjonijiet li jikkuntentaw lil kulħadd? Iddiskuti.

**JEW**

3. Id-dinja qed tinbidel bil-ħeffa u rridu ninbidlu magħha. X'ħiliet neħtieġu llum jekk irridu nirnexxu? L-edukazzjoni fl-iskejjel qiegħda tipprovdilna l-għodda meħtieġa? Iddiskuti.

**JEW**

4. Ma jistax ikun hawn paċi mingħajr ġustizzja. Jekk sitwazzjoni ta' inġustizzja tkun ilha tkarkar is-snin, jinħolqu kumplikazzjonijiet li jitfu kull tama li tintemm il-vjolenza. Il-gwerer ta' bħalissa huma eżempju ta' dan. Taqbel ma' din il-fehma? Għaliex? Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: IL-QARI

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Fil-bidu ta' Novembru 2023, mexxejja mondjali u kumpaniji tal-intelliġenza artifiċjali (IA) inġabru għal laqgħa għolja fi Bletchley Park, iċ-ċentru fejn ġie ddeċifrat il-kodiċi tat-Tieni Gwerra Dinjija. Din il-laqgħa hija l-aktar tentattiv importanti li sar s'issa biex tiġi fformulata opinjoni dwar x'tista' tkun kapaċi tagħmel l-IA u kif għandha tiġi regolata. Iżda bl-elezzjonijiet tal-Istati Uniti kif ukoll tar-Renju Unit wara l-bieb, kemm taf tkun kbira t-theddida li toħloq l-IA għad-demokrazija permezz ta' informazzjoni falza? (par. 1)

Mistoqsija fundamentali f'dan ir-rigward hija jekk l-IA nistgħux inżommulha r-riedni. Espert li qatta' sigħat twal jispjega lil politiċi mid-dinja kollha dwar it-teknoloġija u dwar ir-rwol tagħha fl-espressjoni ħielsa jgħid li ħafna politiċi ftit li xejn għandhom idea ta' kif jaħdem l-internet u x'jista' jinkiseb permezz tiegħu. (par. 2)

Il-kwistjoni dwar jekk l-IA għandhiex tiġi regolata, u sa liema punt, tqanqlet is-sajf li għadda meta s-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, António Guterres, sejjaħ l-ewwel laqgħa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiddiskuti speċifikament il-perikli potenzjali ta' dan l-iżvilupp teknoloġiku. Meta tkellem dwar attakki ċibernetiċi li jaħdmu bl-IA, dwar ir-riskji ta' meta din taħdem ħażin, dwar meta tintuża bħala għodda ta' miżinformazzjoni, u dwar l-interazzjoni bejnha u l-armi nukleari, Guterres saħaq li jekk ma tittiħidx azzjoni biex jiġu indirizzati dawn il-perikli, il-komunità internazzjonali tkun naqset mir-responsabbiltajiet tagħha lejn il-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. (par. 3)

Minn dak iż-żmien, il-kap tan-Nazzjonijiet Uniti mexa 'l quddiem bit-twaqqif tal-Korp Konsultattiv ta' Livell Għoli għall-Intelliġenza Artifiċjali biex jinvestiga x'regolamentazzjoni tista' tkun meħtieġa fuq livell globali f'dan il-qasam. Dan il-bord jinkludi esperti minn gvernijiet preżenti u preċedenti, esperti mill-industrija, is-soċjetà ċivili, kif ukoll akkademiċi, u huwa mistenni jippubblika s-sejbiet inizjali tiegħu. Sadanittant, esponenti ewlenin tat-teknoloġija fl-Istati Uniti, fosthom Elon Musk u Mark Zuckerberg, kellhom taħditiet ma' leġiżlaturi f'Washington biex jiddiskutu l-IA u r-regoli li jistgħu jiddaħħlu dwarha fil-futur. (par. 4)

Madankollu, nies midħla tal-IA huma xettiċi dwar kemm ir-regolamentazzjoni globali tista' tkun suċċess. Wieħed minn dawn ix-xettiċi huwa Pierre Haren, li ilu 45 sena jirriċerka f'dan il-qasam. L-esperjenza tiegħu tinkludi seba' snin mal-kumpanija ġganteska tal-kompjuter IBM, fejn mexxa t-tim li installa t-teknoloġija tas-superkompjuter Watson għall-klijenti. Watson, li beda jaħdem fl-2010, għandu l-kapaċità li jwieġeb il-mistoqsijiet tan-nies u kien wieħed mill-pijunieri f'din it-tip ta' teknoloġija. Minkejja l-isfond professjonali tiegħu, Haren jgħid li s-sena li għaddiet baqa' mgħaġġeb bil-prontezza u bil-kapaċità ta' ChatGPT u ta' programmi oħra tal-hekk imsejħa Intelliġenza Artifiċjali Ġenerattiva. Fi kliem sempliċi, din l-intelliġenza tista' toħloq kontenut ġdid bla dewmien, minn kliem u stampi sa mużika u vidjows. Tista' wkoll tieħu mudell minn eżempju wieħed u tapplikah għal sitwazzjoni kompletament differenti. Haren jgħid li kapaċità bħal din tixbah lill-intelliġenza umana u "din il-ħaġa mhix bħal pappagall, li tirrepeti dak li tisma'". (par. 5)

Skont Haren ma jistax jinħoloq sett ta' regoli biex l-IA ma taħarbilniex minn idejna għax, jekk stess jinħoloq, dejjem se jkun hemm pajjiżi li ma jiffirmawx ir-regolamenti ta' kontroll. Aħna ngħixu f'dinja b'nazzjonijiet li ma jikkoperawx, bħall-Korea ta' Fuq u l-Iran, li, aktar iva milli le, mhumiex se jirrikonoxxu regolamenti bħal dawn. (par. 6)

Il-fiżiku Reinhard Scholl fl-2017 waqqaf il-programm tan-Nazzjonijiet Uniti "AI For Good", bil-għan li bl-IA jsib u jimplimenta soluzzjonijiet prattiċi b'risq il-kisba ta' għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. Dawn l-għanijiet jinkludu, fost l-oħrajn, it-tmiem tal-faqar, l-eradikazzjoni tal-ġuħ u l-aċċess

għall-ilma nadif. Minkejja li din l-azzjoni pożittiva ġibdet lejha aktar minn 20,000 abbonat, l-aptit għal IA pożittiva xorta ma jagħtix lok għal wisq ottimiżmu. (par. 7)

Għaldaqstant tibqa' l-mistoqsija dwar jekk l-IA għandhiex tiġi regolata. L-ikbar inkwiet ta' Scholl huwa li din it-teknoloġija tagħmilha relattivament faċli għal nies b'intenzjonijiet ħżiena li jiksbu ħiliet perikolużi. U bir-raġun. Espert tal-fiżika għandu mnejn ikun jaf jibni bomba nukleari, iżda li mit-teorija jgħaddi għall-prattika huwa diffiċli ħafna. Imma biex xi ħadd jinqeda bl-IA u jiddisinja arma bijoloġika m'għandux għalfejn ikun jaf ħafna. (par. 8)

*(Adattata minn "L-Intelliġenza Artifiċjali għandha tkun regolata?" li deher fis-sit* talk.mt *fit-3 ta' Novembru 2023.)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   Skont is-silta, ir-regolamentazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali:
   a. tista' tinkiseb bi qbil bejn kulħadd.
   b. hija mira li ma tistax tintlaħaq b'mod sħiħ.
   ċ. ixxekkel l-iżvilupp xjentifiku.
   d. iriduha l-politiċi li ma jifhmux fit-teknoloġija.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba**.** (4)

   a. L-espressjoni idjomatika **wara l-bieb** fis-sentenza: "Iżda bl-elezzjonijiet tal-Istati Uniti kif ukoll tar-Renju Unit wara l-bieb, kemm taf tkun kbira t-theddida li toħloq l-IA għad-demokrazija permezz ta' informazzjoni falza?" (par. 1) tfisser:
      i. mogħtija l-ġenb
      ii. imħabbra ma' kullimkien
      iii. inqas importanti
      iv. fil-qrib

   b. Il-kelma **inizjali** fis-sentenza: "Dan il-bord jinkludi esperti minn gvernijiet preżenti u preċedenti, esperti mill-industrija, is-soċjetà ċivili, kif ukoll akkademiċi, u huwa mistenni jippubblika s-sejbiet inizjali tiegħu." (par. 4) tfisser:
      i. preliminari
      ii. fundamentali
      iii. straordinarji
      iv. partikolari

   ċ. Il-kelma **midħla** fis-sentenza: "Madankollu, nies midħla tal-IA huma xettiċi dwar kemm ir-regolamentazzjoni globali tista' tkun suċċess." (par. 5) tfisser:
      i. esperti
      ii. dilettanti
      iii. aġenti
      iv. kritiċi

   d. L-espressjoni idjomatika **ma taħarbilniex minn idejna** fis-sentenza: "Skont Haren ma jistax jinħoloq sett ta' regoli biex l-IA ma taħarbilniex minn idejna għax, jekk stess jinħoloq, dejjem se jkun hemm pajjiżi li ma jiffirmawx ir-regolamenti ta' kontroll." (par. 6) tfisser:
      i. ingawduha aħna biss
      ii. tkun ħaġa aktar sigrieta u mhux f'idejn kulħadd
      iii. inżommuha taħt kontroll
      iv. ma tinsterqilniex

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

3. Ikteb taqsira ta' bejn **80 u 90 kelma** fuq il-perikli tal-intelliġenza artifiċjali li jissemmew fis-silta. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fl-imperfett u fit-tielet persuna singular. (5)

4. Semmi **ŻEWĠ** eżempji mis-silta li juru l-vantaġġi li toffri l-intelliġenza artifiċjali, u fisser għala taħseb hekk. (3)

5. Dan l-artiklu jorbot flimkien it-teknoloġija u l-politika. Identifika **ŻEWĠ** modi ta' kif dawn jinfluwenzaw lil xulxin. Issuġġerixxi riperkussjoni li din ir-rabta jista' jkollha fil-futur. (3)

6. Għid jekk, fil-fehma tiegħek, l-awtur (i) jaqbilx li l-intelliġenza artifiċjali għandha tiġi regolata, u (ii) jekk jemminx li din ir-regolamentazzjoni tista' ssir realtà. Agħti r-raġunijiet tiegħek billi tirreferi għall-artiklu. (3)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.**

1. Bi proċess naturali, lingwa titlef kliem li ma jkunx għadu jintuża u fl-istess ħin jinħolqu neoloġiżmi li jippermettu d-deskrizzjoni ta' realtajiet ġodda. Iddiskuti l-mekkaniżmi lingwistiċi li bihom jiżdied kliem ġdid u agħti eżempji. Tista' tuża tabella fit-tweġiba tiegħek

**JEW**

2. It-tibdil fit-tifsir tal-kliem huwa fenomenu komuni fil-lingwi kollha, inkluż il-Malti. Iddiskuti l-mekkaniżmi semantiċi li bihom kelma tista' tikseb tifsira ġdida u agħti eżempji xierqa biex tfisser aħjar il-proċessi msemmija.

**(Total: 20 marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 30 ta' Awwissu 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**LETTERATURA (A)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Iddiskuti kif inhi rrappreżentata r-relazzjoni kumplessa tal-poeta ma' pajjiżu fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* ta' Oliver Friggieri.

**JEW**

2. F'għadd ta' poeżiji ta' Oliver Friggieri fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* niltaqgħu ma' riflessjonijiet dwar il-piż, l-insuffiċjenza, jew l-inutilità tal-kliem. Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' Simone Galea, ir-riti u r-ritwali reliġjużi, bħall-magħmudija u l-vistu, jidhru f'dawl differenti minn tas-soltu. Iddiskuti.

**JEW**

2. Il-baħar u l-mewġ jissemmew kemm-il darba fil-poeżiji ta' Simone Galea fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*. Iddiskuti x'sinifikati jieħdu fi wħud mix-xogħlijiet.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA**

**Agħżel poeżija WAĦDA (i jew ii) u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.**

**F'dan it-taħriġ "tirrakkuntax" il-poeżija magħżula; tagħtix sempliċiment lista tal-elementi letterarji li hemm fiha. Il-poeżija trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha, jiġifieri bħala xogħol li l-forma tiegħu, b'elementi bħall-arkitettura tal-versi u l-istrofi u bħal-lingwaġġ figurattiv, twassal il-kontenut tematiku, l-assoċjazzjonijiet mentali, l-ambigwitajiet, l-allużjonijiet, l-emozzjonijiet, is-sensazzjonijiet, u l-bqija. Agħti importanza ewlenija lil elementi bħall-vuċi, it-ton, ir-ritmu, il-ħsejjes, l-għażla tal-kliem, il-metafora, is-similitudni, il-metonimija, il-metrika, il-binja tal-versi, u t-tqassim tal-istrofi, u stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn joħolqu.**

(i)

**Brussell**

Fil-lejl mirżuħ ta' dil-belt griża
żagħżugħ iswed u tfajla bjonda
qegħdin jippassiġġaw bil-lajma
f'toroq qishom rummiena sa tixpakka
bin-nies, bil-ħwienet, u t-tallaba,
għar-riħa tgħaxxi ta' waffles bil-banana
u n-nutella
f'kull rokna tal-Grand Place;
għar-riħa ta' qrusa tal-kutri inkallati
li fihom jitkebbu omm, missier, u tlett itfal
f'daħla mudlama ġo Rue Neuve
'il ġewwa mit-tabella tal-United Colours of Benetton;
għall-ħoss tal-passi mingħajr ritmu tas-suldati,
karru armat fuq żewġ saqajn,
jissorveljaw il-pjazza tat-teatru;
għad-dell tal-katidral
li qed ikanta waħdu d-"Dies Irae";
għall-ħoss tal-ilma jqattar mill-pixxaturi
mal-ħajt tal-knisja millennarja ta' Sainte Catherine.
Żagħżugħ iswed
mgħannaq ma' tfajla bjonda
ifesfsu f'widint xulxin salm responsorjali roża
iċafalsu fl-għadajjar li ħalla wrajh is-silġ
li rmew taħt il-bankina
il-bejjiegħa tal-ħut,
ilma li kien kważi għarraq fih il-ħolma l-kbira
ta' ġnus mingħajr fruntieri.

(Mario Cardona, mill-ġabra *Allat tal-Landa*)

**JEW**

(ii)

**Sema Dehxa Kaħla**

Sabu ruħhom fejn kien beda kollox.
Fl-istess nifs kbir jissara mal-pulmun,
fl-eċċitament ta' sema dehxa kaħla.
Fil-fawra li trid taħkem seklu f'salt.

Sabu ruħhom fl-istess waqt tal-ewwel darba,
meta hu qallha l-istorja tiegħu, biċċa biċċa,
u hi qaltlu minn fejn għaddiet il-ġrajja tagħha.
Għamlu ġimgħa sħiħa jitkellmu dakinhar,
jirrakkontaw storja twila mqallba.
U kull tant ħin id waħda tagħfas l-oħra,
il-ħarsa tagħha tħaddan lilu magħha.

Sabu ruħhom hemm,
bħal dakinhar li raha għall-ewwel darba,
u ħass xi mkien ġo fih li ġa kien jafha.

Is-snin imbagħad jiskapriċċaw
u l-ajru jtella' f'daqqa.
Imma hu jgħidilha dak il-kliem
li lissen l-ewwel darba:
li f'nofs il-jum u f'nofs il-lejl u kull fejn tmur
irid ikun viċin il-ġrajja tagħha.
U tgħidlu li għaddew is-snin
bħal nifsijiet li mlew il-pulmun
bħal sekli twal miġbura f'waqt
xħin jitfa' idu f'tagħha.

(Adrian Grima, mill-ġabra *Klin u Kapriċċi Oħra*)

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## LETTERATURA (B)

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

### TAQSIMA A: IR-RUMANZ

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Ir-rumanz *Ħelsien* għandu partijiet importanti minnu li jikkonċentraw fuq il-klassi tal-ħaddiema, inkella saff ta' nies soċjalment batuti. Iddiskuti l-iżvilupp ta' dawn is-sitwazzjonijiet u karattri b'referenza għan-nisġa sħiħa tar-rumanz.

**JEW**

2. Il-bosta karattri ewlenin ta' *Ħelsien* jgħaddu minn firxa ta' emozzjonijiet qawwija, kultant deskritti u rrakkuntati anki bis-saħħa tal-indħil u l-kummenti tan-narratur. Iddiskuti b'eżempji.

**(Total: 20 marka)**

### TAQSIMA B: IN-NOVELLI

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Iddiskuti t-teknika tan-novella f'*Xemgħat* ta' Trevor Żahra fil-kuntest fejn is-suġġett ċentrali tal-istorja bosta drabi huwa ħaġa jew ġrajja żgħira li tikseb importanza tul il-ġrajja.

**JEW**

2. Bosta min-novelli f'*Xemgħat* huma kkaratterizzati minn ideat partikolari dwar il-ħajja, il-mewt, u t-twemmin reliġjuż. Uri kif Żahra jiżviluppa dawn it-temi b'eżempji mid-diversi rakkonti u mill-iżvilupp tal-ġrajjiet u tal-karattri.

**(Total: 20 marka)**

### TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Il-maskri u l-kostumi li jintlibsu f'*Karnival* jaħbu realtajiet skomdi. Iddiskuti din l-istqarrija b'eżempji skont l-iżvilupp tad-dramm.

**JEW**

2. Uri b'eżempji kif iż-żewġ familji li jgħixu faċċata ta' xulxin f'*Karnival* jissimbolizzaw kemm klassijiet differenti kif ukoll kunċetti differenti ta' identità Maltija.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.